FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

29 TA' SETTEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spett Anglu Gafa)

vs

Anthony Bezzina u Victor Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mahruga kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 1004848(m) u 750751(m) rispettivament, akkuzati li:

- f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkorrompew lil Ronald Galea, General Manager ta' CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited u dan billi tawh xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom Ronald Galea ma kellux jedd u dan sabiex Ronald Galea jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u skond l-artikoli tal-ligi minnu citati bghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li jigu ggudikati minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbali taghha folio 199 et seq;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat

L-att tac-citazzjoni gie ippresentat fit-8 ta' Awissu 2008 pero' il-kawza bdiet tinstema' mal-qari tal-akkuzi fit-28 ta' Mejju 2013 principalment minhabba vertenza identika li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet , il-Pulizija (Spet. Angelo Gafa) –vs- Anthony Cassar, finalment deciza fil-11 ta' Frar 2013.

Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputati jinsabu akkuzati b'reat kontinwat taht l-Artikolu 120(1), 115(1)(a) u 121(1) tal-Kap 9. Jinghad fil-kuntest ta' dawn l-artikoli tal-ligi c itati li l-Artikolu 115(1)(a) jikkontempla l-korruzzjoni ta' ufficjal jew impiegat pubbliku li n-konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor rigal, weghda ta' rigal, utili jew vantagg iehor li ghalihom ma jkollux dritt; l-Artikolu 120(1) titratta l-persuna li tkun ikkorrompiet l-ufficjal pubbliku (*inter alia* taht l-artikolu 115) u tqiesu bhala komplici; l-Artikolu 121(1) jitratta l-korruzzjoni ta' persuna li tkun moghtija jew ikollha funzjonijiet  ma' korp li ghandu personalita' guridika distinta b'daqstant li hi inkluza persuna naturali jew guridika li tkun qed tahdem fis-settur privat (Artikolu 12/3).

Fil-kaz in meritu huwa sintomatiku li si tratta ta' korruzzjoni fil-privat instigat minn rapport/ kwerela ta' certu John Portelli fil-kariga tieghu ta' rappresentant legali tas-socjeta' *CMA CGM Agencies Malta Worldwide Malta Limited*  (hawn that riferuta CMA CGM) li fih allega 'breach of duty' fir-rigward l-General Manager tas-socjeta', certu Ronald Galea, dwar li dan kien ghamel approprjazzjoni indebita ghad-dannu tas-socjeta'.

Ikkonsidrat:

Li l-provi li l-prosekuzzjoni qeghdha tistrieh fuqhom ghall-konvicju tal-imputati huma skarni, sija fl-assenza li tixhed il-persuna allegatament korrotta, li jidher li halla permanentement dawn il-Gzejjer, u sija, gja la darba li l-prova tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputati minghajr l-assistenza ta' avukat, anka jekk dan id-dritt ma kienx allura jifforma parti mill-korp legislattiv nostran, hija tali li ma tistax titqies bhala prova probanti anzi hija ghal kollox inammissibbli. Tabilhaqq, ghalhekk,  il-prova ghall-konvicju tal-imputati ghandha tigi ricerkata fix-xhieda tal-ispettur li dak iz-zmien kien ikkonduca l-investigazzjoni, l-Ispettur Angelo Gafa, jew ta' John Portelli li kien inghata mis-socjeta', fuq imsemmija, allegatament defrawdata, l-inkarigu li jindaga internament fi hdan is-socjeta'. Ir-rilevanza tax-xhieda l-ohra kollha li xehdu hija konsekwenzjali ghal fatt jekk jirrisultax pruvat, minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, li l-imputati, qua diretturi tas-socjeta' *Salvu Bezzina and Sons Limited/Bezzina Ship Repair Yard Limited*, halsux kommissjoni lill-imsemmi Ronald Galea biex jinghatawlhom xoghol.

Ezaminata x-xhieda tal-Ispettur Gafa huwa palesi li din tistrieh fuq ir-*res gestae* tal-kaz altru allura li tista' tikkostitwixi prova sufficjenti u probanti ta' htija ghal prova strettament rikjesta fil-kaz in meritu u cioje' li l-imsemmi Ronald Galea kien qieghed jircevi minghand l-imputati kommissjoni ta' 5% fuq ix-xoghol li kien jghaddilhom. Mill-banda l-ohra ix-xhud John Portelli stqarr li l-imputati, tramite s-socjetajiet taghhom, kienu jaghmlu xoghol ghas-socjeta' CMA CGM konsistenti f' tiswijiet in generali ta' containers. Zied jghid li f'Gunju 2007 kien intalab mill-Managing Director biex jinvestiga l-assentejizmu minn fuq ix-xoghol tal-imsemmi Ronald Galea. Acceda ghall-ufficju ta' dan u fost il-karti sab ricevuta ghax-xiri ta' yacht u fuq ir-ricevuta taghha kien hemm imnizzla cekkijiet tas-CMA CGM u cekkijiet ohra ta' kuntratturi lokali ingaggati mis-CMA CGM senjatament ta' Bezzina Ship Repair Yard u Cassar Ship Repair Yard u kien tramite dawn is-socjetajiet li hareg l'allegat 5% kummissjoni li kien qieghed jithallas l-imsemmi Ronald Galea.

Ikkonsidrat:

Illi fir-rigward ix-xhieda ta' dan John Portelli l-fatt tar-ricevuta tax-xiri tal-yacht ma tistax certament tikkostitwixxi ebda prova fuq il-meritu ta' din il-kawza izda mhux ukoll dwar li ix-

xhud Portelli sar jaf direttament mill-imputati fir-rigward il-kummissjoni li halsu lil imsemmi Galea in kambju ta' xoghol.

Konsegwentement, stante din ir-risultanza, tafferma li l-prosekuzzjoni irnexxila tipprova l-kaz taghha kontra l-imputati. Tiddikjarhom hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom. Rat l-Artikolu 18, 120(1),115(a) u 121(1) tal-Kap 9.  Hasbet fuq l-attenwanti generici li japplikaw ghall-kaz. Tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett xhur mill-lum.

Spiegat lill-imputati r-responsabilta' taghhom skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat